***S*POLL**

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Gunju 2001**

**Kawza Numru. 19**
**Citaz. Numru. 1930/96/RCP.**

**Carmel u Ruth Mifsud**

**vs**

**Joseph u Philomena Fsadni**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond 32 Ebona Street, Zebbug.

Illi il-konvenuti huma proprjetarji tal-fond 31, Ebona Street Zebbug li jmiss mal-fond tal-atturi.

Illi il-konvenuti fethu bieb fil-hajt tal-appogg tal-fond 32, Ebona Street Zebbug, li jghaddi ghall-bejt tal-fond 31 Ebona Street Zebbug.

Illi il-konvenuti ghalhekk ikkommettew spoll vjolenti u klandestin b'dannu tal-atturi.

L-istess atturi talbu li ghalhekk il-konvenuti, pervja kull dikjarazzjoni necessarju u moghtija il-provvedimenti kollha opportuni, jghidu ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundannhom jirrentegraw l-imsemmi hajt fl-istat li kien qabel ma ikkommettew I-imsemmi spoll u dan fi zmien qasir u perentorju u taht id-direzzjoni ta' arkitett u inginier civili nominat minn din il-Qorti.

2. Fil-kas li dan iz-zmien jghaddi inutilment tawtorizza lill-atturi li jesegwixxu x-xoghol huma u dana a spejjes tal-konvenuti u taht id-direzzjoni imsemmija.

Bl-ispejjes kontra il-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni. B'riserva ta' kull dritt talvolta spettanti lill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament in-nullita' u l-irritwalita' tac-citazzjoni stante illi l-fatti esposti fl-istess citazzjoni u li l-atturi kkonfermaw bil-gurament taghhom huma essenzjalment zbaljati peress illi fil-verita huma l-eccipjenti l-proprjetarji tal-fond 32, Triq Ebona, Zebbug filwaqt li l-atturi huma l-propjetarji tal-fond 31, Triq Ebona, Zebbug, u mhux kif esponew u ddikjaraw bil-gurament l-atturi, u stante illi dan huwa difett fic-citazzjoni illi ma jistax jigi sanat jew korrett.

2. In-nullita` tat-talba in kwantu illi c-citazzioni kif inkwadrata ma gietx prezentata fi zmien xahrejn mill-fatt illi permezz tieghu l-eccipienti allegatament ikkommettew spoll b'dannu lill-atturi, u b'hekk gie nieqes wiehed mit-tlett elementi - *infra bimestre deducisse* - mehtieg ghar-rijuxxita tal-*actio spolii*, u cioe tal-azzjoni intentata mill-atturi.

3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi peress illi l-eccipjenti ma

kkommettew ebda spoll vjolenti u klandestin b'dannu lill-atturi.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti a fol 9 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta' Marzu 1997, tad-29 ta' Mejju 1997; tas-26 ta' Jannar 1998; tal-4 ta' Frar 1998; tad-29 ta' Mejju 1998; tat-2 ta' Novembru 1998; tat-3 ta' Marzu 1999; tat-30 t'April 1999; tad-9 ta' Gunju 1999; tat-8 ta' Ottubru 1999; tas-17 ta' Novembru 1999; tal-10 ta' Dicembru 1999; tal-10 ta' Marzu 2000; tal-31 ta' Mejju 2000; tal-31 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti kif prezentament ippresjeduta rrilevat illi nonostante l-verbali mid-29 ta' Mejju 1997 sa dakinhar fejn hemm indikat li din il-kawza qed tistenna l-esitu ta' kawza ohra, din il-Qorti thoss li peress li din il-kawza hija kawza ta' spoll din il-kawza ghandha tigi trattata u deciza indipendentement minn kull kawza ohra. il-kawza giet differita ghall-provi tal-partijiet ghall-14 ta' Dicembru 2000.

Rat in-nota tal-attur li biha gew ipprezentati l-affidavits ta' Carmel Mifsud, Anthony Dimech u Guza Cauchi.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Dicembru 2000; tal-15 ta' Jannar 2001; u tal-15 ta' Marzu 2001 fejn il-

konvenut u d-difensur tieghu msejha tlett darbiet baqghu ma dehrux. Peress li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti li la dehru, la ressqu provi u lanqas ipprezentaw affidavits, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. PROVI.

Xehed l-attur **Carmel Mifsud** li ghamel referenza ghad-dikjarazzjoni solenni tieghu dwar il-kaz numru 1275/95 in konnessjoni mal-istess fond, 31, Ebona Street, Haz-Zebbug. Huwa qal li meta l-konvenut rega' bena mill-gdid il-fond 32, Ebona Street, Haz-Zebbug hu kompla jtella' fuq il-hajt divizorju tal-passagg tieghu (li jaghti mill-garage ghal gardina). Illi mir-ritratti Dok 1, 2 u 3 ezebiti ma' l-affidavit jidher li meta tela' dan il-hajt ma kien hemm l-ebda bieb fih u lanqas ma kien thalla l-gebel maqtuh biex 'il quddiem jista' jinfetah bieb fih.

Huwa spjega wkoll li wara l-mewt ta' missieru fin-1973 l-istess attur halla dan il-fond f'idejn kuginuh Anthony Dimech billi joqghod vicin dan il-fond waqt li x-xhud kien telaq mir-rahal. Pero` wara li nqalgha l-kaz l-

iehor bin-numru 1275/95 l-attur beda jersaq aktar l'hemm u wissa lil kuginuh li jekk jara xi zvillup fuq il-bejt jinfurmah mill-ewwel peress li f'kaz ta' spoll kien hemm limitu ta' xahrejn biss biex jittiehdu passi legali. Anthony Dimech kull nhar ta' Hadd ighaddi sad-dar tal-attur u hafna drabi kien jistaqsih jekk fuq il-gardina inqalax xi haga ohra u kien ighidlu biex joqghod attent.

Anthony Dimech informa lill-attur il-Hadd fis-27 ta' Mejju 1996 li kien sar ftuh fil-hajt divizorju ta' fuq is-saqaf tal-passagg tieghu u li probabilment kien ser jinfetah bieb. Hu ra l-affarijiet u sab li hekk gara. Imbaghad, it-Tlieta 29 ta' Mejju 1996 mar ghand l-avukat tieghu u talbu jiehu l-passi mehtiega. Fil-5 ta' Gunju 1996 ipprezenta l-kawza odjerna.

Xehed **Anthony Dimech**, il-kugin ta' l-attur Carmel Mifsud, li spejga li wara l-mewt tal-missier tal-istess attur hu beda jiehu hsieb il-fond 31, Ebona Street, Haz-Zebbug. Wara l-problemi li kienu nqalghu b'kaz iehor, l-attur kien wissieh meta tlesta l-bini tal-konvenut biex joqghod ferm attent u sabiex jinfurmah minnufih jekk jara xi zvilupp rigward il-bjut tal-fond tieghu. Huwa qal li jmur fil-fond in kwistjoni kemm-il darba matul il-gimgha billi mhux il-boghod mid-dar tieghu, jzomm il-vann hemm u jghaddi zmien fil-gardina. Hu jmur ghand l-attur kull nhar ta' Hadd barra meta jkun il-maltemp. Hu xehed li kif ra li kien

qieghed isir xi qtugh fil-gebel tal-hajt divizorju ta' fuq il-bejt tal-passagg tal-fond Nru 31 huwa nforma lill-attur minnufih. Inoltre` zied ighid li hu nduna malajr bil-ftuh f'dan il-hajt billi kien qisu ghassa biex jara jsirx xi haga; u zgur li ma damx aktar minn xi ftit granet biex jinduna b'dan il-ftuh fil-hajt divizorju.

Xehdet ukoll **Guza Cauchi** li toqghod 30, Ebona Street, Zebbug. Hi spjegat li missier l-attur ha l-post numru 31 fl-istess triq b'kera sa minn qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Is-saqaf tal-passag tal-post numru 31 kien ta' l-istess livell tal-bejt tal-post ta' magenbu numru 32 fl-istess triq u kull ma kien jissepara bejt mill-iehor kienet biss cinta gholja ta' xi nofs filata. Is-soqfa tal-post numru 31 kien dejjem jiehu hsiebhom Gianni Mifsud u meta t-tfal tal-familja li kienu joqghodu f'numru 32 kienu jitilghu fuq il-bejt tal-post numru 31 hu kien jibda jghajjat maghhom. Kull meta dan Gianni Mifsud kien jitla' fuq il-bjut tal-post numru 31 hadd qatt ma qallu biex jinzel minn hemm ghax il-bejt kien tieghu. Sakemm dam haj l-imsemmi Gianni Mifsud hadd mill-familja tal-post 32 qatt ma naxru jew ghamlu xi haga ohra fuq il-bjut tal-post numru 31 ghax hu zgur ma kienx ihallihom. Jekk din il-familja naxxret fuq il-bejt tal-post numru 31 kien ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin. Hi ziedet tghid li Gianni baqa' jkun kuljum kwazi l-gurnata kollha fil-post numru 31 sa ftit zmien qabel ma miet billi d-dar tieghu kienet biss ftit passi il-

boghod mill-post numru 31 peress li tieghu kienet numru erbgha u erbghin fl-istess Triq.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* **tal-artikolu 534 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaliha japplikaw id-disposizzjonijiet **tal-artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi skond l-istess artikoli tal-ligi u a bazi tal-gurisprudenza nostrana, huwa risaput li t-tlett rekwisiti tal-*actio spolii huma*:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b' titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew di fatto, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) "*L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest*" (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` "*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll*" (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi **tal-Artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) <u>il-fatt</u> ta' pussess/detenzjoni u (b) <u>il-fatt</u> ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive**

**Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9.3.1992).

Tal-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**Artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. A.M. 24.1.1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. JSP 30.4.1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet dilatorji (**Margherita Fenech vs Paolo**

**Zammit** – P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23.1.1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" (P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkometti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li:

*"meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkommbi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-**Artikolu 562 tal-Kap 12**, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

## IV. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Fsadni giet sorvolata bid-digriet tad-29 ta' Mejju 1997 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-atturi kontenuta fir-rikors taghhom tat-28 ta' Mejju 1997 u kwindi kien hemm il-korrezzjonijiet relattivi.

Illi fit-tieni eccezzjoni taghhom huma eccepixxu n-nullita` tat-talba peress li allegatament ma gietx prezentata fi zmien xahrejn mill-fatt u b'hekk gie nieqes wiehed mit-tlett elementi – *infra bimestre deduxisse* – sabiex tirnexxi l-*actio spolii*.

Illi fis-sentanza l-**"Avukat Dottor Frank Xavier Vassallo et vs Joseph Baldacchino et**" – (4 ta' Dicembru 1998 – Appell, Vol LXXXII.II.1354) il-Qorti rriteniet illi:

"*L-artikolu 535 tal-Kap 16 jipprovdi illi jekk persuna tigi bi vjolenza jew bil-mohbi, mnezza' mill-pussess ta' liema xorta jkun jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli hija tista' fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll li tigi reintegrata b'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni. Is-Subinciz (1) ta' l-artikolu 791 tal-Kap 12 jipprovdi illi l-konvenut f'kawza ta' spoll maghmula fi zmien xahrejn 'minn dakinhar li jkun <u>sar l-ispoll</u> ma jista' jaghti ebda*

*eccezzjoni li mhix dilatorja*' – omissis - . Gie ritenut fil-gurispenda illi:

"*Jekk il-Qorti tirritjeni li l-azzjoni ezercitata hija dik ta' spoll u l-attur ma jippruvax li hu ttanta din l-azzjoni fi zmien ta' xahrejn preskritt mill-ligi, l-azzjoni taqa' minhabba n-nuqqas ta' wiehed mir-rekwiziti essenzjali taghha minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anke r-rekwiziti ohra, dak cioe` tal-pussess jew detenzjoni anke biss bhala fatt dak tat-trubattiva li timmerita l-protezzjoni ta' l-azzjoni possessorja'* (Vol XIII.II.86).

It-terminu ta' xahrejn li qed jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konklussivament ippruvat mill-attur. Hu terminu nfatti li:

"*Jibda jiddekorri mid-data minn mindu l-attur ikun attwalment u fizikament gie spoljat mill-pussess tieghu u mhux 'a die scietiae'. Dan ukoll ghaliex il-pussess jehtieg li jkun kontinwu u apparenti u l-att turbattiv tal-pussess irid ikun maghmul 'vi aut clam'.* ("**Michael Angelo Fenech noe vs Alfred Camilleri"** – deciza mill-Prim' Awla fit-22 ta' Frar 1994).

Illi fix-xhieda tieghu Carmel Mifsud qal illi Anthony Dimech infurmah li sar ftuh fil-hajt divizorju ta' fuq is-saqaf tal-passagg tieghu u li probabilment kien ser

jinfetah bieb fis-27 ta' Mejju 1996. L-istess Anthony Dimech min-naha tieghu xehed li kif ra l-qtugh fil-gebel tal-hajt divizorju mill-ewwel informa lill-attur. Inoltre` qal li peress illi hu jmur fil-fond in kwistjoni kemm-il darba sostna li zgur li ma damx aktar minn xi ftit granet biex jinduna b'dan il-ftuh fil-hajt divizorju. Illi l-konvenuti ma gabu l-ebda prova sabiex jikkontradixxu dak li qed isostni l-attur. Illi c-citazzjoni odjerna giet ipprezentata fil-5 ta' Gunju 1996. Illi ghalkemm il-gurnata ezatta ta' meta sar il-ftuh ma rrizultatx mill-provi, pero` hija kredibbli x-xhieda kemm ta' l-attur kif ukoll ta' Anthony Dimech li dan ta' l-ahhar induna kwazi mill-ewwel u kwindi ttiehdu passi mmedjati sabiex jinbdew il-proceduri odejrni. Kwindi din l-azzjoni m'ghandiex taqa' peress li saret entro t-terminu ta' xahrejn rikjest mill-ligi minn meta sar l-att in kwistjoni.

Illi fil-mertu jinghad illi mill-provi prodotti li b'ebda mod ma gew kontradetti, irrizulta li l-atturi huma proprjetarji tal-fond Numru 31, Ebona Street, Haz-Zebbug. Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-attur u ta' Anthony Dimech, kif ukoll mir-ritratti ezebiti (Dok 1, 2 u 3 a fol 33 sa 35 tal-process) li l-konvenuti fethu bieb fil-hajt tal-appogg tal-fond 32, Ebona Street, Zebbug, li jghaddi ghall-bejt tal-fond 31, Ebona Street Zebbug.

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha pjenament, peress li gew

konsistentement ippruvati filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici**, b'dan illi:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin kif indikat fic-citazzjoni attrici u kif fuq imsemmi ghad-dannu ta' l-atturi u dan billi l-konvenuti fethu bieb fil-hajt tal-appogg tal-fond 32, Ebona Street, Zebbug li jghaddi ghall-bejt tal-fond 31, Ebona Street, Zebbug.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirrentegraw l-imsemmi hajt fl-istat li kien qabel ma kkommettew l-imsemmi spoll u dan billi jaghlqu l-istess bieb li l-konvenuti fethu fil-hajt tal-appogg tal-fond 32, Ebona Street, Zebbug li jghaddi ghall-bejt tal-fond 31, Ebona Street, Zebbug, u dan fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett David Pace A&CE.

3. Fil-kaz li dan iz-zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata jghaddi inutilment din il-Qorti qed presenzjalment tawtorizza lill-atturi li jesegwixxu x-xoghol huma sabiex jintghalaq l-istess bieb miftuh mill-konvenuti fil-hajt tal-appogg tal-fond 32, Ebona Street, Zebbug li jghaddi ghall-bejt tal-fond 31, Ebona Street, Zebbug u dan a spejjez tal-konvenuti u taht id-direzzjoni tal-istess Perit Arkitett David Pace A&CE.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Perit Arkitett David Pace A & CE li qed jigi nominat f'din is-sentenza sabiex jissorvelja u jidderiegi l-istess xogholijiet kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Gunju, 2001**